

- Ir-rikorrenti ssoġni f'dak ir-rigward li, sabiex setgħet tipparteċipa fil-proċedura tas-sejħa għal offeriti kien meħtieġ li jiġu sodisfatti r-reqwiżiti fir-rigward tal-kapaċità teknika msemmija fil-punt II.2.3. li kienet timponi reqwiżit, taħt piena ta' esklużjoni, fuq l-offerenti direttament, għall-bini komplut ta' mill-inqas żewġ impjanti għall-koġenerazzjoni tal-elettriċità b'kapaċità ta' mill-inqas 8 MW. L-offerent rebbieħ kellu jkun eskluż peress li ma kienx jissodisfa daww ir-reqwiżiti minimi stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tas-sejħa għal offeriti.

It-tieni motiv, huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 149 tar-Regolament Nru 1268/2012; ksur tal-Artikolu Nru 113 tar-Regolament Nru 966/2012; ksur tad-Direttiva 2004/18/KE (premissa 39 tal-preambolu tagħha); kif ukoll, f'dan il-każ, ta' użu ħażin ta' poter.

- Ir-rikorrenti ssoġni f'dan ir-rigward li l-evalwazzjoni u l-għoti tal-kuntratt huma illegali sa fejn l-offerent rebbieħ ma kienx intitolat għall-punteġġ li nġhata, peress li l-evalwazzjoni tal-offerta teknika, abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni, għandha tkun ibbażata fuq ir-rendiment effettiv tal-impjant u mhux fuq dikjarazzjoni unilaterali tal-offerent. Konsegwentement, kien hemm ksur tat-trasparenza u tat-trattament ugwali fir-rigward tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti.

It-tielet motiv, huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 112 tar-Regolament Nru 966/2012; ksur tal-prinċipju tas-segretezza tas-sejħiet għal offeriti msemmija fl-Artikolu 111 tar-Regolament Nru 966/2012; ksur tal-Artikoli 157 u 159 tar-Regolament Nru 1268/2012; kif ukoll, f'dan il-każ, ta' użu ħażin tal-poter.

- Ir-rikorrenti ssoġni f'dan ir-rigward li l-proċeduri ta' sejħa għal offeriti għall-għoti ta' kuntratt twettqu f'seduta waħda, billi ġew eżaminati, fl-istess ħin, dokumenti amministrattivi bil-għan ta' ammissjoni għall-proċeduri ta' sejħa għall-offerti, ta' offeriti tekniċi u ta' offeriti ekonomiċi. Dan il-*modus operandi* huwa inkompatibbli mal-prinċipju tas-segretezza tal-offerti u mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-offerti.

Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji tal-ugwaljanza fit-trattament u t-trasparenza; ksur tal-Artikolu 15 u 298 tat-Trattat; ksur tal-Artikolu 102 tar-Regolament Nru 966/2012; ksur tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/18/KE; kif ukoll, f'dan il-każ, ta' użu ħażin tal-poter.

- Ir-rikorrenti ssoġni f'dan ir-rigward li, wara d-deċiżjoni li rrifjutat l-offerta ppreżentata, il-Kummissjoni kkomunikat biss il-lista ta' punteġġi mogħtija u b'mod illegali rrifjutat, sussegwentement, l-aċċess għad-dokumenti mitluba saħansitra wara l-preżentata ta' rikors konfermatorju skont l-Artikolu 7 *et seq* tar-Regolament Nru 1049/2001.

Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-ksur tal-prinċipji tal-ugwaljanza fit-trattament u tat-trasparenza; ksur tal-Artikoli 157 u 58 tar-Regolament Nru 1268/2012; kif ukoll, f'dan il-każ, ta' użu ħażin tal-poter.

- Ir-rikorrenti ssoġni f'dan ir-rigward li, bi ksur tal-Artikolu 157 tar-Regolament Nru 1268/2012, in-nuqqas li jiġu pprovduti kopja tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tad-deċiżjonijiet finali tal-għoti ipprekludew lir-rikorrenti milli tieħu konjizzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli li sar riferiment għalihom.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2014 – L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-384/14)

(2014/C 235/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: B. Tidore, avvocato dello Stato, G. Palmieri, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— Tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. C (2014) 2008, tal-4 ta' April 2014, innotifikata fis-7 ta' April 2014, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea xi spejjeż sostnuti mill-Istati Membri, u b'mod iktar konkret mill-Italja, fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima "Garanzija", il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, il-Gvern Taljan jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji Komunitarji u fuq investigazzjoni insuffiċjenti.

— Fil-fatt fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni operat korrezzjoni finanzjarja fuq is-supposizzjoni ta' xi nuqqasijiet li nstabu fi spezzjoni *in loco*, li saret biss fir-reġjuni ta' Lazio u Abruzzo. Ir-rikorrenti tikkontesta li r-riżultati ta' tali spezzjonijiet jistgħu jiġu estiżi lil hinn mir-reġjuni kkunsidrati u li l-korrezzjoni tista' tiġi kkwantifikata għal 5 %, għaliex ir-realtà tad-diversi reġjuni Taljani hija estremament diversifikata u f'kull każ kien involut O.P. (AGEA) wieħed biss.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 43 u 48 tar-Regolament 1782/2003⁽¹⁾

— Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kkritikat lill-Istat Taljan minħabba applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni fis-suġġett tad-drittijiet speċjali, filwaqt li ddikjarat li kien ser ikun riskju għall-Fond. Ir-rikorrenti tallega li l-Artikoli 43 u 48 tar-Regolament 1782/2003 ma jipprevedux metodu speċifiku ta' distribuzzjoni mill-ġdid tad-drittijiet speċjali, għall-każijiet eżaminati mill-Kummissjoni, u li l-metodoloġija adottata fl-Italja mhux biss hija għal kollox konformi ma' tali leġiżlazzjoni, iżda ma tippreżentax fiha nfisha riskji partikolari għall-Fond.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ġenerali fis-suġġett tal-korrezzjoni finanzjarja u ta' osservanza tal-kriterji ta' rikonoxximent, kif ukoll fuq motivazzjoni insuffiċjenti.

— Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni operat korrezzjoni dwar in-nuqqasijiet operattivi li jitħallsu mill-ARBEA, organu ta' ħlas li tiegħu ġie rrevokat ir-rikonoxximent b'deċiżjoni tal-amministrazzjoni, tat-12 ta' Mejju 2010, u fis-seħħ mis-16 ta' Ottubru 2010, f'liema data l-kompetenzi tal-ARBEA ittieħdu mill-AGEA. Ir-rikorrenti tikkontesta l-mod li bih ipproċediet il-Kummissjoni, li estendiet sal-2010 il-korrezzjoni diġà operata għall-eżerċizzji finanzjarji 2007-2009, billi assumiet il-kontinwazzjoni tar-riskji diġà stabbiliti u adottat l-istess perċentwali, kif ukoll l-applikazzjoni tal-korrezzjoni għall-perijodu interkurrenti bejn ir-revoka tar-rikonoxximent u t-tehdid tal-funzjonijiet mill-AGEA.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2014 – Seatech International et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-500/13)⁽¹⁾

(2014/C 235/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 377, 21.12.2013.